**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 14 ta’ Frar 2017

# IS-SEBA’ LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 56**

## Laqgħa b’Urġenza tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa b’urġenza tal-Kunsill Lokali numru 56 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 16 ta’ Frar 2017 fil-5pm

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

56.1 Approvazzjoni tal-*Unaudited Financial Statements 2016* tal-Kunsill Lokali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-56 Laqgħa (Laqgħa b'urġenza) tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar il-Ħamis 16 ta' Frar 2017 fil-5pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fil-5:30pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Assenti b'Apoloġija:**

| | |
|---|---|
| Kunsillier | Daniela Farrugia |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 56.1 APPROVAZZJONI TAL-*UNAUDITED FINANCIAL STATEMENTS 2016* TAL-KUNSILL LOKALI

56.1.1 Is-Sindku David Schembri qal li din il-laqgħa b'urġenza qiegħda ssir wara li fil-laqgħa ta' nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2017, inħass il-bżonn li l-Kunsillieri kellhom jingħataw aktar ċans sabiex jaraw l-*unaudited financial statements* tas-sena 2016, qabel dawn jiġu sottomessi lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur Ġenerali.

56.1.2 Żied li jittama li l-Kunsillieri kollha raw dan id-dokument sabiex kull mistoqsija tkun tista' ssir matul din il-laqgħa.

56.1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon għadda sabiex jispjega dak li ħareġ mill-*unaudited financial statements* tas-sena 2016.

56.1.4 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa staqsa diversi mistoqsijiet dwar xi varjanzi li dehru fil-*financial statements* meta mqabbla ma' dawk tal-2015.

56.1.5 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega u fisser x'varjanzi seta' kien hemm u għaliex.

56.1.6 Wara diskussjoni, il-Viċi Sindku Charles Zerafa ppropona li l-Kunsill Lokali għandu japprova dawn l-*Unaudited Financial Statements 2016.*

56.1.7 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

| **Chris Falzon**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **David Schembri**<br>**Sindku** |
|---|---|